# RIFLESSJONIJIET

## GĦAL KULL ĠURNATA
## GĦAŻ-ŻMIEN TAL-AVVENT
## U

# PROGRAMM

## GĦAL ŻMIEN IL-MILIED
## FIL-PARROĊĊA TAL-MOSTA 2021



# Qawwu qalbkom u erfgħu raskom

*Jaraw lil Bin il-bniedem ġej fi sħaba, b'qawwa u glorja kbira. Meta jibda jseħħ dan kollu, qawwu qalbkom u erfgħu raskom, għax il-fidwa tagħkom hi fil-qrib (Lq 21, 27).*

***Introduzzjoni***

Tgħid żmien il-pandemija għadda? Jekk le, x'inhu dak li għadu qed jinkwetana? Jekk inħossu li l-pandemija għaddiet, nistgħu ngħidu li sa issa sibna fejn inqiegħdu saqajna? Nistgħu ngħidu li sejrin għall-aħjar jew il-problemi li ġabet magħha l-pandemija xorta għadhom hemm, jekk mhux qed jiżdiedu wkoll? Ir-realtà ta' madwarna nbidlet għall-aħjar jew għall-agħar?

Jista' jkollna diversi reazzjonijiet differenti għal dawn il-mistoqsijiet, imma żgur li lkoll naqblu li xejn ma hu kollox abjad jew kollox iswed, xejn ma hu perfett. imma lanqas kollox diżastru. F'kull żmien insibu xi tip ta' kriżi u f'kull żmien ikun hemm x'joffri tama. U Ilum mhux eċċezzjoni. Madwarna naraw ħafna kriżijiet, imma niftakru li minnhom nistgħu nitgħallmu u nikbru. Biex nidentifika waħda mill-kriżijiet li nħoss li qed inġarrbu bħala soċjetà f'dan il-perjodu partikulari tal-istorja, insemmi l-kriżi tal-istituzzjonijiet: donnu kull tip ta' istituzzjoni għaddejja minn kriżi – l-istituzzjonijiet ekkleżjali, l-istituzzjonijiet ċivili, u saħansitra l-istutuzzjoni taż-żwieġ. Jista' jkun li dan qed jiġri frott l-arja ta' indiviwaliżmu li ħakmet lis-soċjetà tal-bnedmin. Donnu li l-enfasi tal-lum hu aktar fuq il-jien u d-drittijiet tiegħi milli fuq l-aħna u d-dmirijiet li għandna lejn xulxin; l-aqwa li nħossni tajjeb jien, l-aqwa li ma jirfsux lili u l-bqija jagħmlu li jridu, l-aqwa li dak li rrid nakkwistah malajr kemm jista' jkun u l-oħrajn jaraw huma.

Inħallu dan l-Avvent u l-festi tal-Milied ta' din is-sena jagħtuna tama ġdida quddiem dawn il-kriżijiet; '*qumu u erfgħu raskom għax il-fidwa tagħkom hi fil-qrib'*. Il-wasla tal-Messija tat nifs ġdid lill-umanità, l-istess għandha tagħmel il-wegħda ta' smewwiet ġodda u art ġdida. F'dinja imperfetta fejn dejjem jonqosna, inħossu l-bżonn ta' din il-wegħda.

## *L-Ewwel Ġimgħa – Jaraw lil Bin il-bniedem ġej*

Barra li Ġesù jgħallima kif għandna ngħixu d-dixxipulat tagħna fuq l-art, jindirizzana wkoll għall-futur; jagħmel referenza ċara għat-tieni miġja tiegħu. Għalhekk in-nisrani, waqt li jżomm saqajh mal-art, għandu jibqa' jħares lejn is-sema waqt li jistenna l-Mulej ġej. It-talba li nsibu fl-aħħar tal-Apokalissi: '*Hekk ikun. Ejja, Mulej Ġesù!*', issir it-talba tan-nisrani, għax hi talba mimlija tama f'dinja li toffri ħafna sfidi u diffikultajiet. In-nisrani jemmen li għad jara lil Bin il-bniedem ġej; jemmen li l-Mulej jiġi biex jiġbor flimkien lil dawk li jemmnu fih. Dan il-jum hu tassew il-jum il-kbir.

**Il-Ħadd, 28 ta' Novembru**
*Ara, għad jiġu jiem – oraklu tal-Mulej – meta nġib fuq dar Iżrael u dar Ġuda l-ġid li wegħedthom. F'dawk il-jiem u f'dak iż-żmien intalla' min-nisel ta' David rimja tas-sewwa, bniedem li jagħmel il-ġustizzja u s-sewwa fil-pajjiż. F'dawk il-jiem Ġuda jinħeles u Ġerusalemm tgħammar b'moħħha mistrieħ, u għalhekk isejħulha: Il-Mulej is-sewwa tagħna. (Ġer 33, 14-16)*

Kollox jibda minn ħolma, li mbagħad issir pjan; min pjan tiġi mfassla strateġija sa ma fl-aħħar dik l-ħolma sseħħ. Tul il-proċess isir ħafna xogħol, u diversi persuni jiġi nvoluti fil-proġett sa ma jitwettaq. Immaġinaw xi ħadd li joħlom li jibni dar fejn joqgħod. Imur għand perit li jagħmel il-pjanti; wara jsib il-kuntrattur li jkun se jieħu ħsieb ix-xogħol biex titħejja strateġija għall-ħidma; il-proġett jitwettaq mill-bennejja u l-ħaddiema l-oħra li jkun hemm bżonn.

Alla wkoll ħolom; ħolom li jeħles lill-umanità mill-mewt ta' dejjem. Alla għamel pjan li fih wiegħed is-salvazzjoni; ħejja strateġija billi l-ewwel beda juri lilu nnifsu fl-istorja ta' poplu – il-poplu Lhudi, kif wkoll f'persuni li għażel hu, bħall-patrijarki u l-profeti. Fl-aħħar beda jitwettaq dan il-pjan billi bagħat lil Ibnu l-għażiż fost il-bnedmin, u bih, dak li wiegħed, seħħ. Ġesù għadu qed jaħdem dis-salvazzjoni tad-dinja fid-dixxipli tiegħu, u dan se jibqa' jagħmlu sa ma jerġa' jiġi. Fl-evanġelju tal-lum, il-Mulej jurina l-bżonn li noqogħdu attenti (*alert*) għal din il-ħidma ta' salvazzjoni, bla ma nħallu qalbna tittieħed mill-ikel u x-xorb, anqas minn inkwiet żejjed.

Ejjew illum nagħtu każ x'hinu jmexxi lil moħħna u lil qalbna, naraw x'inhu l-inkwiet veru tagħna, waqt li nitolbu lill-Mulej jgħinna biex nibqgħu kuljum nagħmlu l-għażla tiegħu sa ma jiġi.

**It-Tnejn, 29 ta' Novembru**

*Għad jiġri fl-aħħar jiem li l-għolja tad-dar tal-Mulej togħla 'l fuq mill-qċaċet tal-muntanji, u tintrefa' 'l fuq mill-għoljiet, lejha għad jiġru l-ġnus kollha. Kotra ta' popli għad jiġu u jgħidu: "Ħalli mmorru u nitilgħu fuq l-għolja tal-Mulej, lejn id-dar ta' Alla ta' Ġakobb, biex jgħallimna triqatu, u nimxu fil-mogħdijiet tiegħu. Għax minn Sijon joħroġ it-tagħlim, u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalemm". Il-Mulej jagħmel il-ħaqq bejn il-ġnus, u jaqta' s-sentenza bejn ħafna popli; u huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet, u l-lanez tagħhom fi mnieġel. Ebda ġens ma jerfa' x-xabla kontra ġens ieħor, u s-sengħa tal-gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed. Ejja, dar Ġakobb, ħalli nimxu fid-dawl tal-Mulej! (Iż 2, 1-5)*

X'mument sabiħ meta tara gruppi ta' żgħażagħ jieħdu sehem f'attività waħda u jaħdmu flimkien għal għan wieħed! Xi klima ta' sodisfazzjon tinħass wara festa, li fiha diversi gruppi jkunu taw il-kontribut tagħhom! X'armonija meta tfal minn diversi familji jilagħbu flimkien! Mhux l-istess jingħad meta jkun hemm tensjoni, konflitti u pika bejn nies u gruppi differenti. Faċli ħafna li dan jiġri, għax fin-nofs jistgħu jidħlu idejat, aspettativi, u ambizzjonijiet differenti.

Il-viżjoni ta' Iżaija fil-qari tal-lum hi waħda li tidher surreali għall-aħħar, imma għal min jemmen jaf li għad jasal iż-żmien meta fuq l-għolja tal-Mulej jinġabru l-popli kollha. Fuq l-għolja tal-Mulej ma jkunx hemm aktar lok għall-gwerra u l-ġlied għax l-interess ta' kulħadd ikun interess komuni: ilkoll jagħtu glorja lil Alla. Din il-viżjoni hi wkoll il-viżjoni ta' Kristu Ġesù. Hu ma qagħadx iqis id-differenzi kulturali li kien hemm bejnu u bejn raġel pagan Ruman (ċenturjun), imma laqgħu kif kien jilqa' lil niesu. Ġesù kompla juri din l-viżjoni fil-kliem*: Jiena ngħidilkom li għad jiġu ħafna mil-Lvant u mill-Punent u joqogħdu fuq il-mejda ma' Abraham u ma' Iżakk u ma' Ġakobb fis-Saltna tas-Smewwiet".*

Illum, ejjew inħarsu lejn id-differenzi ta' bejnietna, mhux bħala theddida li twassal għat-tensjoni u l-ġlied, imma bħala opportunità li twassal għall-aċċettazzjoni u r-rispett reċiproku bejn bniedem u ieħor, u bejn poplu u ieħor.

**It-Tlieta, 30 ta' Novembru**

*Huwa u jdur ma' xatt il-baħar tal-Galilija, Ġesù lemaħ żewġt aħwa/: Xmun, jgħidulu Pietru, u ħuh Indrì, qegħdin ikalaw ix-xbiek il-baħar, għax kienu sajjieda. U qalilhom: "Ejjew warajja, u nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin" (Mt 4, 18-19).*

Raħal tas-sajjieda; min inaddaf ix-xbiek, min isewwi xi biċċa xibka mżarta, u min jipprepara l-irkaptu għas-sajda li jmiss. Ħafna mix-xogħol tas-sajjied ma jkunx fuq il-baħar imma fuq l-art, bi tħejjija, biex fil-ħin propju joħroġ fuq id-dgħajsa jistad. Bħala sajjied, Sant'Andrija, li llum qed nagħmlu l-festa tiegħu, kien jaf xi tfisser preparazzjoni; kien konxju tax-xogħol u l-impenn li hemm bżonn f'kull preparazzjoni.

Anke meta sar dixxipli ta' Ġesù, Indri kien imid idu biex iħejji fejn hemm bżonn; insibuh jinvolvi ruħu fil-preparazzjoni għall-ikla ta' 'l fuq minn 5000 raġel fit-tkattir tal-ħobż. Dak inhar beda jara x'jista' jagħmel, u qal lil Ġesù b'tifel li kellu ħames ħobżiet u żewġ ħutiet (Ġw 6, 8). Kien mat-tnax meta bagħthom fuq missjoni jxandru l-aħbar it-tajba tas-salvazzjoni u jħejju t-triq għal Ġesù (Lq 9, 1-6; Mt 10, 5-15; Mk 6, 7-13). Jista' jkun li Indrì kien ukoll mad-dixxipli fit-tħejjija tal-Aħħar Ikla (Mk 14, 12; Mt 26, 17). Indrì ħa bis-serjetà u bi mpenn iż-żmien kollu li għamel ma' Ġesù u serva biex jipprepara ruħu għall-missjoni li l-Mulej afda f'idejh u f'idejn l-Appostli l-oħra. Barra minn hekk il-ħajja kollha ta' Indrì kienet ta' preparazzjoni għall-jum il-kbir, meta kellu jiltaqa' mill-ġdid mal-Mulej, dak inhar li ġie maqtul fuq is-salib. Ipprepara ruħu biex b'ħajtu jagħti xiehda tal-fidi tiegħu fi Kristu.

Ħa jkun għalina dan iż-żmien tal-Avvent, żmien ta' tħejjija għall-jum il-kbir tagħna. Ejjew kuljum nużawh bħala jum ta' preparazzjoni għal meta għad naraw wiċċ imb wiċċ lil Ġesù fit-tieni miġja tiegħu.

**L-Erbgħa, 1 ta' Diċembru**

*Jeqred il-mewt għal dejjem, jixxotta Sidi l-Mulej id-dmugħ minn fuq kull wiċċ, u jħassar l-għajb tal-poplu tiegħu minn wiċċ l-art kollha: għax il-Mulej tkellem. U dakinhar jgħidu: "Dan hu Alla tagħna: fih ittamajna li jsalvana; dan hu l-Mulej li fih ittamajna: nifirħu u nithennew bis-salvazzjoni tiegħu. Għax id il-Mulej tinżel fuq din il-muntanja" (Iż 25, 6-10a).*

Il-Malti jgħid li: ‘*kull razza għandha l-paljazza’*, u hekk hu, għax f’kull familja, f’kull grupp, f’kull istituzzjoni ssib minn jonoraha imma wkoll min iħamrilha wiċċha. Ġieli nesperjenzaw suċċessi, imma jkollna wkoll fallimenti. Mhux l-ewwel darba nħossuna nistħu li nagħmlu parti mill-familja tagħna, l-aktar meta xi ħadd mill-membri tal-familja jieħu xi deċiżjoni li ma tkunx taqbel mal-prinċipji tagħna. Ġieli nistħu li aħna parti minn grupp, l-aktar meta xi ħadd jibda jparla u jgħid fil-beraħ difetti tal-grupp innifsu. Ġieli wkoll nistħu li aħna parti mill-Knisja. Għax anke fil-Knisja nsibu l-għajb! Minn żmien għal żmien nisimgħu b’xi każ li jimbarazza lil kull nisrani, bħal meta jinstema xi skandlu ta’ xi ħadd li suppost jagħti eżempju tajjeb.

Fil-qari tal-lum għandna wegħda sabiħa minn Alla: Alla jwiegħed il-jum meta jiġi biex ineħħi l-għajb tal-poplu tiegħu; ineħħi dak li jħammar wiċċ il-poplu, u dak li jbikki l-poplu għażiż tiegħu. Quddiem din l-wegħda nimtlew b’kuraġġ, u ma nħallux l-inferjorità tegħlibna. Quddiem din l-wegħda ta’ salvazzjoni ma narawx lok biex nistaħbew u ningħalqu fina nfusna, imma bil-kuntrarju, *nifirħu u nithennew*. Id il-Mulej kapaċi tinżel fuq il-muntanja u tibdel id-deni f’ġid, in-niket f’ferħ, is-swied ta’ qalb f’tama.

Illum, ejjew naraw x’hinu l-velu li jgħatti l-poplu ta’ Alla, x’inhu l-għajb li mhux iħallina ngawdu l-preżenza ta’ Alla u nitolbu lill-Mulej jeħlisna minn dan l-għajb li jħammrilna wiċċna.

**Il-Ħamis, 2 ta’ Diċembru**
*Dakinhar jitkanta dan l-innu fl-art ta’ Ġuda: “Għandna belt qawwija; bnielna swar u ħitan għall-ħelsien tagħna. Iftħu l-bibien, biex jidħol il-poplu ġust li jżomm is-sewwa. Il-fehma tiegħu sħiħa fik; inti ssaħħaħlu s-sliem, għax fik ittama. Ittamaw fil-Mulej, għal dejjem, għax il-Mulej hu l-blata ta’ dejjem. Lil min kien fl-għoli niżżlu, il-belt imkabbra niżżilha, waqqagħha għal isfel, fit-trab xeħitha; taħt is-saqajn tirtifes, saqajn il-fqir, ir-rifs tal-imsejknin” (Iż 26, 1-6).*

Waħda mill-istejjer popolari li nsibu fl-Iskrittura Mqaddsa hi l-istorja ta’ Babel, fejn naraw lin-nies jiskopru l-briks (madum moħmi fil-fran) u ż-żift. Huma ddeċidew li jibnu belt għalihom li fiha

jagħmlu torri li jitla’ fl-għoli sas-sema (Ġen 11, 1-9). Riedu jagħmlu isem għalihom! Din il-binja turi l-kburija tal-bniedem li jħoss li hu omipotenti, u li ħadd u xejn ma jista’ għalih.  Din l-istorja narawha tirrepeti ruħha tul l-istorja tal-bniedem, kull meta warrab lil Alla u għamel ta’ rasu. Per eżempju, narawha tiġri f’imperi kbar li għamlu isem, baqgħu għaddejjin jeqirdu lil min ma qabilx magħhom. Storja li rajnieha tirrepeti ruħha wkoll meta l-bniedem skopra għarfien xjentifiku u wasal li jagħmel esperimenti li jwassluh biex jieħu aktar kontroll fuq kollox, saħansitra fuq il-ħolqien u fuq ħajtu stess. Imma din il-kburija, flok swiet ta’ ġid għall-bniedem, wasslet għar-rovina tal-bniedem innifsu. Hekk ġara f’Babel – spiċċaw tfixklu u tferxu, hekk ġara lil kull imperu kbir – inqasam u ddgħajjef sa ma ġie mirbuħ minn qawwiet oħra; hekk jiġri kull meta x-xjenza titlef kull sens ta’ etika u twassal biex tagħmel aktar ħsara milli ġid.

Il-miġja ta’ Bin il-bniedem taħsad lill-kburin imma hi miġja ta’ tama għall-imsejknin. Dan li Marija wkoll esprimiet fil-Magnifikat bil-kliem: ‘*Hu wera l-qawwa ta’ driegħu, xerred lil dawk li huma mkabbra f’qalbhom. Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom u għolla liċ-ċkejknin*’ (Lq1, 51-52).

Illum, tajjeb li nirriflettu jekk aħniex magħduda mal-imsejknin li jittamaw fil-Mulej jew inkella jekk aħniex fost il-kburin li jittamaw fihom infushom. Nagħtu kas fejn qed infittxu s-sigurtà tagħna. Nitolbu lill-Mulej biex ma jħalli qatt li aħna nimtlew bina nfusna imma li nibgħu nagħrfu l-bżonn tal-ħniena tiegħu.

**Il-Ġimgħa, 3 ta’ Diċembru**
*F’dak iż-żmien, waqt li Ġesù kien sejjer minn hemm marru warajh żewġ għomja jgħajtu u jgħidu: “Bin David, ħenn għalina!”. Meta mbagħad daħal id-dar, l-għomja resqu lejh u Ġesù qalilhom: “Temmnu intom li jien nista’ nagħmlu dan?” Qalulu: “Iva, Mulej”. Imbagħad messilhom għajnejhom u qal: “Mela ħa jsirilkom skont il-fidi tagħkom”. U għajnejhom infetħulhom. Ġesù widdibhom bis-sħiħ u qalilhom: “Qisu li ħadd ma jsir jaf b’dan”. Iżda dawk ħarġu u bdew ixerrdu l-fama tiegħu ma’ dak il-pajjiż kollu (Mt 9, 27-31).*

Fil-ktieb ta’ Danjel insibu viżjoni futura, fejn mal-lejl Danjel deherlu

li *qiegħed jara bħal iben ta' bniedem, ġej mis-sħab tas-sema, li baqa' sejjer sax-Xiħ fl-għomor u ressquh quddiemu. U tawh ħakma, ġieħ, u saltna, biex lilu jaqdi kull ġens, u poplu, u lsien. Hakmietu ħakma għal dejjem li ma tgħaddix u saltnatu ma tinqeridx* (Dan 7, 13-14). Din l-viżjoni twettqet f'Ġesù li fetaħ għajnejn il-għomja biex dak li kien mistur ma jibqax moħbi għal min jemmen fih. Dak li Alla ħabbar fil-ktieb ta' Daniel, jitwettaq. Għad jaraw lil Bin il-bniedem ġej fi sħaba. Is-Saltna ta' Ġesù tassew hi saltna li tibqa' għal dejjem. Din is-saltna tikber bil-mod il-mod, lejl u nhar, u tikber fis-skiet u mhux b'mod spettakolari. Għalhekk Ġesù qalilhom biex ma jgħidu lil ħadd, għax ma kienx qed ifittex il-fama, imma aktar ried li tkun saltna li tirbaħ il-qlub b'konvinzjoni. Tant li Ġesù nnifsu kien qabbilha ma' żerriegħa li wieħed bidwi jiżra' u din tikber bil-mod. Qabbilha wkoll ma' ftit ħmira li mal-ħin ittella' l-għaġna kollha.

Kemm nemmen li s-Saltna ta' Alla għadha qed tirbaħ il-qlub tal-bnedmin minkejja li madwarna teżisti ħafna reżistenza? Kemm jien konvint li Ġesù diġà rebaħ fuqu d-dlam tad-dnub? Kuraġġ, u emmen ħalli inti wkoll jinfetħulek għajnejk u tara l-qawwa ta' Kristu Ġesù. Ejjew llum nitolbu għal din il-grazzja tal-konvinzjoni f'Ġesù.

**Is-Sibt, 4 ta' Diċembru**

*Poplu ta' Sijon, int li tgħammar f'Ġerusalemm, ma tibkix aktar. Il-Mulej iħenn għalik mal-ħoss tal-għajta tiegħek, malli jisimgħek jagħtik widen. Tassew li l-Mulej jagħtik ħobż l-imrar, u l-ilma tan-niket, iżda ma jinħebiex iżjed minnek l-Imgħallem tiegħek; għajnejk jaraw l-Imgħallem tiegħek. Minn warajk jisimgħu widnejk kliem li jwissik u jgħidlek: "Din hi t-triq; għaddi minnha, sew jekk tikser lejn il-lemin, sew lejn ix-xellug". U hu jibgħat ix-xita fuq il-miżrugħ tiegħek, u l-qamħ, frott l-art, ikun bnin u mimli (Iż, 30, 19-23).*

Meta tikkonsidra l-bidla li sseħħ wara l-ewwel xita tibqa' mpressjonat: kif minn dik in-nixfa kollha tara kullimkien iħaddar f'ħakka t'għajn, is-siġar jieħdu r-ruħ u l-ambjent kollu donnu jirxoxta. Il-profeta Iżaija jqabbel il-Kelma ta' Alla mal-ilma tax-xita u mas-silġ meta jgħid: *bħalma x-xita u s-silġ jinżlu mis-smewwiet, u ma jerġgħux lura mnejn ġew bla ma jsaqqu l-art, imma jġegħluha*

*tnissel u tnibbet, u tagħti ż-żerriegħa lil min jiżra' u l-ħobż lil min jiekol, hekk jiġri minn kelmti. Hija toħroġ minn fommi u ma terġax lura vojta, imma tagħmel dak li jogħġob lili, u ttemm dak li bgħattha tagħmel* (Iż 55, 10-11). Hi l-kelma ta' Alla li tibdel kollox u l-Libanu terġa' tagħmlu ġnien. It-torox jisimgħu kliem il-Ktieb u jinbidlu.

Qed inħejju ruħna biex niċċelebraw l-festa tal-Kelma nkarnata: il-Kelma ta' Alla li saret bniedem f'Ġesù. Għalhekk hu Ġesù li jista' jagħmel differenza kbira f'kull min jilqgħu f'ħajtu. Dan li għamel Ġesù meta wera ħniena ma' dawk li kienu qishom bħal nagħaġ bla ragħaj u ħa ħsiebhom. Ġesù ried li l-ħidma tiegħu titkompla anke wara li jħalli din id-dinja, u għalhekk bagħat lit-Tnax biex huma wkoll jagħmlu differenza fil-ħajja ta' dawk li jilqgħu l-kelma mxandra minnhom.

Kemm inħoss li jien qrib il-Kelma ta' Alla? U kemm infittixha f'ħajti? Jekk ma rridx inbati n-nixfa fil-ġnien tal-ħajja tiegħi, hemm bżonn li nħalli l-Kelma ssaqqini kuljum u tibdilni bil-mod il-mod. Meta nieqaf quddiem il-Kelma ta' Alla nkun qed nieqaf quddiem Ġesù u nħallih jagħmel fija dak li jixtieq hu. Illum nippruvaw insibu ftit ħin naqraw il-Kelma u nimmeditawha.

## *It-tieni Ġimgħa – b'qawwa u glorja*

Min hu Dak li ġej? Bin il-bniedem li hu qawwi. Imma x'jagħmlu qawwi? Matul din il-ġimgħa se nirriflettu fuq il-qawwa ta' Alla. Nirriflettu wkoll fuq kif ġej Bin il-bniedem fostna. San Luqa jgħidilna li ġej bil-glorja. Għalhekk se nirriflettu wkoll dwar din il-glorja li biha il-Mulej Ġesù ġej fit-tieni miġja tiegħu. Il-riflessjoni ta' matul din il-ġimgħa tgħinna nkomplu nsibu l-mod ta' kif ngħixu tul l-istennija tagħna għal dak li ġej.

**Il-Ħadd, 5 ta' Diċembru**
*Jiena żgur minn dan: li dak li beda din l-opra tajba fikom, iwassalha għat-tmiem tagħha sa ma jasal il-jum ta' Kristu Ġesù. Iva, jixhidli Alla kemm jien miġbud lejkom bil-qalb ta' Kristu Ġesù! U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bl-għerf u*

*b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu, mimlijin bil-frott tal-ġustizzja li ġejja permezz ta' Ġesù Kristu, għall-glorja u l-foħrija ta' Alla (Fil 1, 5-6.8-11).*

Kulħadd għandu l-mod tiegħu ta' kif iżomm l-appuntamenti li jkollu. Min jafda biss fuq il-memorja għax kapaċi jiftakar, min juża djarju jew *google calendar*, jew inkella jkollu lil xi ħadd ieħor ifakkru. Diversi appuntamenti jkunu appuntamenti ta' rutina; isiru ta' kuljum, kull ġimgħa, kull xahar, jekk inkella kull sena. Ir-rutina, sa ċertu punt, tagħtina sens ta' kontinwità u stabbilità, imma tajjeb li niftakru li xi darba jew oħra dik r-rutina se tieqaf. Jiġi jum meta ma jkunx hemm bżonn aktar tirrepeti dak li dejjem għamilt. Dan il-ħsieb jgħinna biex ma nħallux l-istess rutina tmexxina lejn ripetizzjoni bla ħajja jew li twassalna biex nagħmlu sempliċiment dak li dejjem għamilna u nieqfu hemm. Għal kuntrarju, dan il-ħsieb għandu jwassalna biex nagħmlu dak li nagħmlu bi spirtu ġdid.

Dan ma jgħoddx biss għall-ħajja personali tagħna, imma wkoll fejn tidħol il-komunità nisranija u allura l-Knisja. Sena wara l-oħra nsibu quddiemna l-Avvent u l-Milied, ir-Randan u l-Għid, kif ukoll iż-Żmien ta' Matul is-Sena. Jekk dawn il-mumenti ngħixuhom għas-sempliċi raġuni għax ikun wasal żmienhom, ma tantx huma wisq ta' siwi, imma jekk ngħixuhom b'mod ġdid u nħalluhom ikabbruna fl-imħabba lejn Alla u lejn xulxin, ikunu qed iħejjuna dejjem aktar għal Jum il-Mulej. Niftakru li kull sena aħna aktar qrib dan il-jum tat-tieni miġja tiegħu.

San Pawl fl-ittra lir-Rumani jfakkarna fil-qawwa tal-imħabba li biha Bin il-bniedem ġej, u jekk isibna ngħixu fl-imħabba, henjin aħna. Din l-opra tal-imħabba fina hi opra mibdija minn Alla nnifsu; għalhekk San Pawl jgħid: *dak li beda din l-opra tajba fik iwassalha għat-tmiem*. Ejjew llum niftakru f'dak li Alla għamel u qed jagħmel f'kull wieħed u waħda minna u nħallu l-istess rutina tal-ħajja tgħinna nikbru fl-imħabba, li hi tant qawwija.

**It-Tnejn, 6 ta' Diċembru**
*Qawwu l-idejn mitruħa; saħħu l-irkupptejn imriegħda. Għidu lil dawk b'qalbhom imbeżżgħa: "Agħmlu l-ħila, la tibżgħux! Araw, Alla tagħkom ġej jitħallas; il-ħlas ta' Alla wasal; Hu stess ġej biex isalvakom". Imbagħad jinfetħu għajnejn l-għomja, jinfetħu widnejn it-torox. Imbagħad iz-zopp jaqbeż bħal għażżiela u lsien l-imbikkma jinħall bil-ferħ (Iż 35, 3-6).*

Ir-realtà tal-mard taffettwa mhux biss lill-marid imma lil ħafna persuni li jkunu qrib tal-marid. Mhux biss, imma l-mard jaf jaffetwa soċjetà sħiħa; mhux ta' b'xejn li jittieħdu diversi prekawzjonijiet biex nilqgħu kontra l-mard. Rajna x'ġara fi żmien il-pandemija! Dehret id-dgħufija tad-dinja kollha. Ħafna ħasbu li kollox se jgħaddi malajr imma minkejja li għaddew kważi sentejn, xorta għadna qed nesperjenzaw każijiet ġodda ta' mard.

Fl-evanġelju tal-lum naqraw li '*l-qawwa tal-Mulej kienet fih biex ifejjaq'*. F'Ġesù dehret il-qawwa li tikkuntrasta ferm mad-dugħfija tad-dinja quddiem in-nuqqas ta' saħħa. Din l-qawwa għaddiet fir-raġel mifluġ li ressqu quddiem Ġesù, tant li qam, qabad friexu u telaq lejn id-dar. Imma aktar minn hekk Ġesù għandu l-qawwa li jfejjaq il-ġewwieni tal-bniedem. Qabel ma' fejjaq il-mard fiżiku tal-mifluġ, Ġesù ħelsu mid-dnub tiegħu li kien qed jifilgu minn ġewwa. Ġesù għadda fil-mifluġ il-qawwa tal-Ispirtu tiegħu. F'Ġesù twettqet il-profezija ta' Iżaija li jgħid '*Araw, Alla tagħkom ġej biex isalvakom; isalvakom mill-mard tagħkom*'. Bin il-bniedem li ġej, għalhekk, ġej bil-qawwa ta' Alla. Ġej jeħlisna mid-dnub u minn kull mard ieħor li jżommna lura milli nfaħħru lil Alla nnifsu.

Illum ejjew nagħrfu d-dugħfija tagħna u nersqu kif aħna quddiem Alla waqt li nitolbuh ifejjaqna mil-mard spiritwali u temporali tagħna.

**It-Tlieta, 7 ta' Diċembru**
*Itla' fuq il-muntanja għolja, int li ġġib il-bxara t-tajba lil Sijon; għolli leħnek bil-qawwa kollha, int li tagħti l-aħbar it-tajba lil Ġerusalemm; għajjat, la tibżax. Għid lill-ibliet ta' Ġuda: "Hawn hu Alla tagħkom! Hawn hu Sidi l-Mulej, li ġej bil-qawwa, u jaħkem bil-qawwa ta'*

*driegħu. Hawn hu bi ħlasu miegħu, u r-rebħa tiegħu quddiemu. Bħal ragħaj li jirgħa l-merħla tiegħu; bi driegħu jiġmagħha, u l-ħrief fi ħdanu jerfagħhom; u n-nagħaġ ireddgħu bil-mod imexxihom" (Iż 40, 9-11).*

Kemm jimpressjonawni dawk l-għalliema li jirnexxilhom joħolqu nteress fost l-istudenti tagħhom. Inħoss li dawn l-għalliema għandhom ċerti kwalitajiet, li ma ssibhomx fil-kotba imma fl-istess ħin jagħmluhom tassew għalliema tajbin u qawwija. Ħafna drabi dawn l-għalliema ma jgħollux il-vuċi tagħhom mal-istudenti; anqas ma jiddelittaw bil-kastigi bħal *reports* u *break ins*, imma aktar issibhom ġentili u twajba mal-istudenti tagħhom. Il-qawwa ta' dawn l-għalliema tidher fil-mod ta' kif jikkonvinċu lill-istudenti jħobbu s-suġġett li jkunu qed jgħallmu. Dawn l-għalliema, ħafna drabi jkollhom kontroll tal-klassi u jistħoqqilhom il-prosit talli jirnexxilhom jedukaw b'mod tant sabiħ.

Il-qawwa ta' Bin il-bniedem tidher ukoll fil-ħlewwa u l-ġentilezza. Mhux ta' b'xejn li Ġesù hu mqabbel ukoll ma' ragħaj li jirgħa l-merħla tiegħu, jerfa' l-ħrief, u n-nagħaġ ireddgħu bil-mod imexxihom. Ġesù jieħu ħsieb kull nagħġa; la hu u anqas il-Missier ma jridu li xi ħadd jintilef. Iżaija jgħid li Alla tagħna, iva, ġej bil-qawwa, jaħkem bil-qawwa ta' driegħu, imma fl-istess ħin jurina s-sensittività tiegħu. Alla tagħna hu Alla ġentili u twajjeb. Il-ħlewwa u l-ġentilezza ma ddgħajjef xejn mill-karattru ta' mexxej, anzi tagħtih qawwa akbar għax tkun tmexxija meħlusa minn kull biża'.

Ejjew illum nagħafru l-qawwa fil-ġentilezza. Nippruvaw inkunu aktar ġentili, nuru ħlewwa u tjubija f'dak li nagħmlu għal xulxin.

**L-Erbgħa, 8 ta' Diċembru**
*L-anġlu qalilha: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek". Għal dan il-kliem tħawdet, u bdiet titħasseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet tfisser dik it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax inti sa tnissel fi ħdanek u jkollox iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin il-Għoli, u l-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru; u jsaltan fuq dar Ġakobb għal dejjem, u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem". Iżda, Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba*

*ma nagħrafx raġel?" Weġibha l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek; u għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis u jkun jissejjaħ Bin Alla (Lq 2, 28-35).*

L-Anġlu Gabriel sellem lil Marija: tislima sabiħa, tislima ta' rispett, tislima ta' glorja. Marija taf il-kobor tagħha mill-istess missjoni li Alla ried jafdalha f'idejha. L-anġlu għen lil Marija tifhem x'kien se jiġri fiha, jekk hi tgħid iva għal dik il-missjoni. Imma għenha wkoll tifhem dak li kien se jiġri fl-umanità. Qalilha li Bin David, Bin il-bniedem, u Bin l-għoli, u għalhekk, Bin Alla, ried jitwieled permezz tagħha. Marija, ta' tfajla umli li kienet, għarfet il-limitazzjoni tagħha u rat li ma setax jiġri dak li l-anġlu kien qed jgħidilha, jekk ma jkunx Alla nnifsu li jaħdem fiha. L-anġlu min-naħa tiegħu assiguraha li kien '*l-Ispirtu s-Santu li se jiġi fuqha u l-qawwa tal-Għoli kienet se tixħet id-dell tagħha fuqha'*. U tassew, dak li sar, ma sarx bil-qawwa tal-bniedem waħdu (għax il-bniedem hu limitat) imma bil-qawwa ta' Alla li jaħdem mal-bniedem. Marija emmnet f'dik il-qawwa u aċċettat. B'hekk hi jistħoqqilha kull glorja għax il-glorja ta' Alla dehret fiha.

L-eżempju ta' Marija jista' jqanqal fina wkoll ix-xewqa li nikkoperaw ma' Alla fil-ħidma tiegħu favur l-umanità. Jekk, bħal Marija, aħna ngħidu iva lil Alla, naraw ukoll il-qawwa ta' Alla taħdem fina. L-Ispirtu s-Santu jaħdem fina u jagħmel bina ħwejjeġ kbar. Li nagħmlu r-rieda ta' Alla twassalna biex ingawdu wkoll mill-glorja t'Alla kif tgawdi Marija. Id-diffikultà li ħafna drabi nsibu hi biex niddistingwu bejn ir-rieda ta' Alla u r-rieda tagħna. B'hekk għandna bżonn, li bħal Marija, nkunu nies ta' talb u ta' dixxerniment. Tajjeb li nfittxu l-għajnuna tad-direzzjoni spiritwali biex nagħrfu aħjar x'inhi r-rieda ta' Alla għalina. Illum ejjew nitolbu lil Alla jdawwalna biex nagħrfu aħjar dak li jrid Hu minna.

**Il-Ħamis, 9 ta' Diċembru**

*F'dak iż-żmien, Ġesù qal lill-folla: "Tassew, ngħidilkom, li fost ulied in-nisa ħadd ma qam akbar minn Ġwanni l-Battista. U b'danakollu l-iżgħar wieħed fis-Saltna tas-Smewwiet hu akbar minnu. Minn żmien Ġwanni l-Battista sal-lum is-Saltna tas-Smewwiet il-bnedmin qegħdin jitħabtu bis-sħiħ għaliha, u dawk li jitħabtu bis-sħiħ jaħtfuha.*

*Għax il-Profeti kollha, u wkoll il-Liġi, ħabbru sa żmien Ġwanni, u, jekk tridu temmnuni, dan hu Elija li għandu jiġi. Min għandu widnejn ħa jisma'!" (Mt 11, 11-15).*

F'kull post tax-xogħol issib ħaddiema bi gradi differenti u ħafna drabi anke l-ħlas ikun differenti. Aktar ma jkollok responsabbiltà, aktar titħallas imma bla dubju trid taħdem aktar mill-oħrajn. Direttur ta' kumpanija jkollu ħafna fuq spallejh u jekk jieħu xogħolu bis-serjetà, ma jibqagħlux wisq ħin għalih innifsu, biex jara li l-kumanija tkun sejra tajjeb. Assistent Direttur ikollu anqas responsabbiltà, imma wkoll irid jirsisti u jitħabat biex jibża' mhux biss għall-impjieġ tiegħu imma wkoll tal-ħaddiema kollha. U nistgħu nibqgħu nsemmu xogħol ta' responsabbiltà wara l-ieħor. Kull xogħol huwa importanti biex kumpanija tibqa' b'saħħitha.

Ġesù jfaħħar lil Ġwanni l-Battista u jgħid li ma qam ħadd akbar minnu, minn ulied in-nisa. Madanakollu juri li anke l-iżgħar wieħed fis-Saltna tas-Smewwiet hu akbar minnu. Min hu l-akbar quddiem Alla? Alla ma jimxix bir-riga tagħna l-bnedmin; dak li hu kbir f'għajnejna mhux neċessarjament hu kbir quddiem Alla, waqt li dak li hu insinifikanti għalina jaf ikun tassew kbir f'għajnejn Alla.

Aktar milli nkejlu min hu l-akbar fis-Saltna ta' Alla, aktar għandna nagħtu kas dak li Ġesù jgħidilna llum fl-evanġeju: il-bżonn li nagħmlu l-parti tagħna bħala dixxipli tiegħu, bħalma l-ħaddiema jagħmlu li jistgħu fuq il-post tax-xogħol tagħhom, sa ma' jasal jum il-ħlas. Nemmnu li l-Mulej se jerġa' jiġi u jġib miegħu l-ħlas. Dawk li jkunu mpenjaw ruħhom u għamlu li setgħu jistennew dan il-jum bil-ferħ. Matul dan il-jum ejjew nitħabtu bis-sħiħ favur is-Saltna ta' Alla għax nemmu li għad jasal jum il-glorja.

**Il-Ġimgħa, 10 ta' Diċembru**

*Dan jgħid il-Mulej, il-feddej tiegħek, il-Qaddis ta' Iżrael: "Jien hu l-Mulej, Alla tiegħek; jien ngħallmek għall-ġid tiegħek, u nqabbdek it-triq fejn għandek timxi.  Li kieku tajt widen għall-kmandamenti tiegħi, kien ikun bħal xmara sliemek, u sedqek bħal mewġ tal-baħar; in-nisel tiegħek bħar-ramel, l-għelejjel ta' ġewwenik bħat-trab, u ismek la jitħassar u la jinqered minn quddiemi" (Iż 48, 17-19).*

Minn żmien għal żmien ikollna kampanji edukattivi biex l-pubbliku in ġenerali jitgħallem jagħti attenzjoni lil xi ħaġa partikulari. Hekk, per eżempju, jkollna kampanji marbuta mal-indafa u ż-żamma ambjentali, mas-saħħa, mar-rispett u l-ugwaljanza ta' bejnietna jew kampanji marbuta mal-użu aħjar tar-riżorsi tagħna. L-edukazzjoni tgħin biex jissaħħaħ is-sens ċiviku u soċjali. U Alla ried ukoll jeduka lill-poplu tiegħu. Ried jgħallmu għall-ġid tiegħu u biex jgħinnu jaqbad it-triq. Tah il-kmandamenti bħala gwida għal din it-triq. Fil-fatt il-poplu Lhudi kien iħossu kburi u aqwa minn kull poplu ieħor minħabba li kien Alla nnifsu li tah il-Liġi Mqaddsa.

Imma x'jiswa jekk issir kampanja edukattiva u l-poplu jibqa' jinjora dak li jkun tgħallem! Jibqa' poplu injorant; jibqa' jgħix fil-ħmieġ, fil-mard, fin-nuqqas ta' rispett lejn xulxin u jibqa' jaħli r-riżorsi tiegħu għalxejn. L-istess kien jiġrilu l-poplu Lhudi meta kien iwarrab il-kmandamenti li kien irċieva mingħand Alla. Spiċċa poplu mifrud, mifni mill-mibgħeda u l-ġlied, mill-għira u l-egoiżmu. Tilef kull sens ta' qawwa li kellu meta kien jagħti widen għal-liġi ta' Alla u jħarisha.

Ejjew nagħtu widen għall-edukazzjoni tal-fidi; nitgħallmu mill-esperjenza tal-poplu Lhudi. Ejjew infittxu li mhux biss nitgħallmu l-liġi ta' Alla imma ngħixuha fil-prattika biex tassew inkunu poplu magħżul minn Alla u nesperjenzaw il-qawwa ta' Kristu Ġesù fl-istess Knisja li aħna nappartjenu għaliha.

**Is-Sibt, 11 ta' Diċembru**
*F'dak iż-żmien, qam qisu nar Elija, il-profeta, u kelmtu kienet taqbad bħal ħuġġieġa. Hu ġieb fuqhom il-ġuħ, u fil-ħeġġa tiegħu ċekkinhom fl-għadd. B'kelmet il-Mulej għalaq is-smewwiet, u tliet darbiet niżżel ukoll in-nar. Kemm kont imsebbaħ, Elija, f'għeġubijietek! U min jista' jiftaħar daqsek? Kont meħud f'riefnu tan-nar f'karru bi żwiemel tan-nar. Int, li kien miktub għalik, li kellek iċċanfar għal żmien, biex tberred għadab Alla qabel ma jħeġġeġ, biex iddawwar qalb il-missier lejn ibnu, u biex terġa' tqajjem tribujiet Ġakobb. Imberkin dawk li jarawk u dawk li raqdu fl-imħabba; għax żgur li aħna wkoll ikollna l-ħajja (Sir 48, 1-4.9-11).*
X'qawwa għandha l-kelma! B'kelma taf terfa' bniedem u b'kelma

taf tkissru. Kemm nistgħu nagħmlu ġid b'kelma ta' kuraġġ, imma daqshekk ieħor nistgħu inferu u nweġġgħu lil xulxin bil-kliem tagħna. Irridu noqogħdu attenti għax anke l-kliem jista' jitlef il-qawwa tiegħu u jsir kliem fieragħ u vojt. Jekk il-kliem ma jkunx jaqbel mal-għemil, jitlef kull qawwa li għandu. Bniedem ta' kelma hu bniedem li dak li jgħid jagħmlu, u mhux jilgħab bil-kliem.

Elija, l-profeta kellu kelma b'saħħitha tant li hu mqabbel man-nar. Kelmtu kienet tassew azzjoni, u għalhekk kienet kelma li tagħmel differenza. Fl-evanġelju, Ġesù jqabbel lil Ġwanni l-Battista ma' Elija, għax hu wkoll kien bniedem ta' azzjoni. L-istil tal-ħajja tiegħu kien jikkorrispondi ma' dak li kien jgħid, hu u jħeġġeġ lin-nies għall-indiema. Ħajjet Ġwanni l-Battista saret mod li jqanqal lin-nies biex jagħmlu xi ħaġa u jersqu mill-ġdid lejn Alla; saret sejħa ta' konverżjoni.

Fi żmienna għandna bżonn nies bħal Elija u bħal Ġwanni l-Battista, li jkellmuna aktar bl-eżempju milli bil-kliem. Jista' jkun li għandna bżonn nerġgħu niskopru l-qawwa tal-kelma fl-azzjoni. Għax għalkemm aħna bbumbardjati bil-kliem, xorta jinħass ħafna n-nuqqas tal-irġulija. Ħafna kliem vojt u bla sens għax mhux akkumpanjat mill-għemil. Ejjew illum noqogħdu ftit aktar għassa ta' kif qed nużaw kliemna. Ejjew naraw jekk dak li ngħidu jikkorrispondix ma' għemilna jew le. Ejjew illum inkunu aktar nsara li nitkellmu bil-għemil aktar milli bil-vuċi.

## *It-Tielet Ġimgħa – qawwu qalbkom u erfgħu raskom*

Kull stennija xi darba tintemm, jew għax taqta' qalbek li xi darba jseħħ dak li tkun qed tistenna, jew għax ikun seħħ diġà. L-istennija tagħna mhijiex stennija fiergħa, imma hi stennija li tassew se tiġri. Għalhekk aktar ma joqrob il-jum tat-twettiq ta' dak li qed nistennew, aktar nimtlew bil-kuraġġ u aktar nimtlew bil-ferħ. Din l-ġimgħa se nirriflettu fuq dan il-ferħ tal-istennija għax dak li qed nistennew hu fil-qrib. Hu ż-żmien li nqumu u nerfgħu rasna bil-fidi, anke jekk ninsabu għaddejjin minn tiġrib u persekuzzjonijiet.

**Il-Ħadd, 12 ta' Diċembru**

*Il-poplu kien qiegħed jistenna ħerqan, u kulħadd kien jistaqsi lilu nnifsu dwar Ġwanni, jekk kienx hu l-Messija. Għalhekk Ġwanni qabad u qal lil kulħadd: "Jien, ngħid għalija, ngħammidkom bl-ilma, imma ġej wieħed aqwa minni, li ma jistħoqqlix inħollu l-qfieli tal-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar. Il-midra qiegħda f'idu, biex iderri l-qiegħa u jiġbor il-qamħ fil-maħżen tiegħu, imma t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex". U b'ħafna twissijiet oħra kien ixandar lill-poplu l-bxara t-tajba (Lq 3, 15-18).*

Jekk tieqaf tosserva lin-nies li jkunu jistennew tal-linja ġejja, tara reazzjonijiet differenti. In-nies kollha jkunu qed jistennew; imma min għandu paċenzja jistenna, u min ikun fuq ix-xwiek iħares u jerġa' jħares, biex jara jekk jilmaħx il-karrozza ġejja. Jiddependi ħafna minn kemm tkun ilek tistenna, u jekk tkunx mgħaġġel biex tasal fejn għandek tasal. Għal dawk li jużaw tal-linja bħala ħarġa ma tantx jinkwetaw wisq jekk tal-linja tiddawwar, imma dawk li jridu jaslu għax-xogħol fil-ħin, ikunu aktar anzjużi u attenti.  U xi ngħidu għal x'ħin tasal tal-linja! Min ikun ħerqan jistenna, jieħu nifs qawwi aktar minn oħrajn li ma jkunux mgħaġġlin. Is-sens ta' sodisfazzjon għall-wasla tal-karozzja jkun akbar f'min ikun attent.

L-istess nistgħu ngħidu fl-istennija tal-poplu Lhudi għall-Messija. Dawk li kienu jemmnu stennewh bil-ħerqa u ferħu meta raw lil Ġwanni l-Battista għax raw fih sinjal li ż-żmien qorob. Hekk jiġri llum fost dawk li qed jistennew it-tieni miġja tal-Mulej: jekk inkunu attenti nistennew bil-ħerqa, nifirħu meta joqrob. L-istennija tagħna, ma għandhiex tkun stennija passiva imma attiva; waqt li nistennew rridu ngħixu fil-ġustizzja, kif Ġwanni ggwida lil dawk li marru għandu jistaqsuh x'għandhom jagħmlu. Ejjew noqgħodu attenti billi ngħixu fil-ġustizzja f'dinja inġusta. Ejjew nistennew bil-ħerqa billi nagħtu kas ta' xulxin u nieħdu ħsieb lil xulxin fl-imħabba.

**It-Tnejn, 13 ta' Diċembru**

*F'dak iż-żmien, Balgħam rafa' għajnejh u ra lil Iżrael, mifrux fil-kamp u mqassam tribù tribù. Imbagħad niżel l-ispirtu ta' Alla fuqu. U beda jitkellem u jgħid: "Il-kelma ta' Balgħam bin Begħor; l-oraklu ta' bniedem b'għajnejh miftuħa; L-oraklu ta' wieħed jisma' kliem Alla, u jara dehret Alla li jista' kollox, u jaqa' fl-art u għajnejh mikxufa. Kemm huma sbieħ l-għerejjex tiegħek, Ġakobb, l-għamajjar tiegħek, Iżrael. Bħal widien jinfirxu, bħal ġonna ma' xatt xi xmara, bħal siġar tas-sabbâra mħawla mill-Mulej, bħal masġar tal-arżnu ħdejn l-ilma! L-ilma jfawwar mill-bramel tiegħu, u nislu kotran bħall-ilmijiet. Is-sultan tiegħu ogħla minn Agag, u s-saltna tiegħu togħla 'l fuq" (Num 24, 2-7).*

L-interess fl-ikoni donnu qed jiżdied. Diversi nies jagħżlu li jkollhom xi ikona fid-dar biex tfakkarhom fil-preżenza ta' Alla. Mhumiex sempliċiment opri ta' arti jew ritratti ta' qaddisin, imma huma xbihat li jkellmuna fuq il-ħwejjeġ ta' Alla. L-ikoni huma meqjusa bħala twieqi tal-ġenna u jgħinuna niffukaw fuq dak li hu tal-Ispirtu. L-istess kuluri użati huma simboliċi. Hekk, per eżempju, l-isfond, ħafna drabi, jkun dehbieni; simbolu tad-dinja spiritwali u l-preżenza divina. Simbolu importanti ieħor fl-ikona huma l-għajnejn. Ix-xbihat fl-ikoni jkollhom għajnejhom miftuħin sew u kbar biex juru li dak il-qaddis jew qaddisa huma dejjem attenti, qatt aljenati jew rieqda għall-preżenza ta' Alla.

Fl-ewwel qari tal-lum għandna lil Balgħam, li kien bniedem b'għajnejh miftuħa. Hu ma kienx profeta minn fost il-poplu Lhudi imma Alla tah id-dehen ta' profeta. Is-sultan tal-Moabin, Balak kien tella' lil Balgħam fuq post għoli biex jara lill-poplu Lhudi u jisħtu, imma Balgħam għaraf li l-poplu kien imbierek minn Alla. Alla kien ħeles lill-poplu mill-Eġittu u mexa miegħu tul t-triq kollha sa ma wasal hemm, għalhekk hu ma setax jisħet lil dan il-poplu. Balak ma ħax gost bi kliem Balgħam u talbu u reġa' talbu biex jisħet 'l-poplu, imma Balgħam baqa' jara l-preżenza ta' Alla fil-poplu ta' Iżrael. Balgħam ra l-futur u ra sultan għoli, li kellu jkun akbar minn kull sultan ieħor. Is-saltna tiegħu togħla 'l fuq. Balgħam qal: *'għad titla' kewkba minn Ġakobb u jqum xettru minn Iżrael'* (Num 24, 17a). Tassew Balgħam ra l-miġja tal-messija, tas-sultan il-kbir li waqqaf is-saltna ta' Alla li ma tispiċċa qatt.

Nibqgħu b'għajnejna miftuħa, u għalhekk attenti għall-preżenza ta' Alla fl-istorja, fil-ġrajjiet li ngħaddu minnhom u fil-persuni li niltaqgħu magħhom. Bħal Balgħam ma nfittxux li ngħoġbu lil xi ħadd għajr lil Alla l-Imbierek.

**It-Tlieta, 14 ta' Diċembru**

*Dan jgħid il-Mulej: "Ħażin għaliha għar-ras iebsa tagħha, għat-tinġis tagħha, il-belt li taħqar! Għas-sejħa ma tatx widen, lanqas ma qagħdet għat-twiddib li kellha; hi ma riditx tittama fil-Mulej, lanqas ma resqet lejn Alla tagħha". "Għax jiena mbagħad lill-popli nerġa' nagħtihom diskors bla qerq, biex isem il-Mulej ilkoll isejħu, jaqduh qalb waħda. Mix-xtajta l-oħra tax-xmajjar f'Kus sat-truf tat-Tramuntana, jadurani l-poplu mxerred tiegħi u jġib l-offerta tal-qmuħ tiegħu. Int ma tibqax imħawda dakinhar għall-għemil kollu tiegħek li bih qomt kontrija, għax jiena mbagħad inneħħi minn ġo nofsok lil dawk fost niesek li jsibu l-hena tagħhom fil-kburija; u int ma żżidx titkabbar fuq l-għolja mqaddsa tiegħi. U nħalli f'nofsok poplu umli u mċekken". U f'isem il-Mulej ifittxu l-kenn dawk li jifdal minn Iżrael. Ma jagħmlux ħażen, ma jgħidux kliem b'ieħor, u lsien qarrieq ma jibqax iżjed f'fommhom, hekk li joqogħdu jirgħu u jistrieħu bla ma jbeżżagħhom ħadd (Sof 3, 1-2.9-13).*

Tarmi jew tirranġa l-qadim? Tarmi jew tirranġa xi ħaġa mkissra jew imxellfa? Din il-mistoqsija mhux dejjem għandha tweġiba ċara: jiddependi mill-mod ta' kif wieħed iħares lejn l-oġġett imkisser. Jekk għal dak li jkun l-oġġett ikollu valur kbir, jagħmel minn kollox biex isewwih, imma jekk le, jaqbad u jarmih. Forsi għalhekk ikun hawn min jarmi, u jkun hawn min jiġbor dak li jkun mormi. Meta xi ħaġa jkollha valur kbir, bħall-valur taż-żmien jew valur sentimentali, inkella għax il-materjal innfisu jkun prezzjuż, noqgħodu attenti kif nirranġaw u nirrestawraw. Ħafna drabi nfittxu nies professjonali fuq ir-restawr biex inkunu ċerti li ma nagħmlux aktar ħsara milli jkun hemm, anke jekk nafu li se tiġina spiża kbira.

Fl-ewwel qari tal-lum mill-ktieb ta' Sofonija għandna l-wegħda tar-restawr tal-poplu. Dan juri kemm il-poplu kien prezzjuż f'għajnejn Alla. Għalkemm kien poplu ta' ras iebsa, u warrab lil Alla, għalkemm kien poplu mferrex u mkisser konsegwenza tal-għażliet

ħżiena tiegħu, għalkemm kien poplu mkabbar u poplu li jagħmel il-ħażen, Alla ma qerdux. Imma Alla ried jiġbor il-fdal ta' dan il-poplu u jgħaqqdu mill-ġdid f'poplu sod; f'nies li '*ma jagħmlux ħażen, ma jgħidux kliem b'ieħor u lsien qarrieq ma jibqax iżjed f'fommhom, hekk li joqogħdu jirgħu u jistrieħu bla ma jbeżżagħhom ħadd.*' Quddiem din l-wegħda, ejjew inqawwu qalbna u aħna wkoll nagħrfu kemm aħna għeżież għal Alla, anke jekk naraw il-poplu tagħna, il-Knisja jew il-familja tagħna fi stat li jinkwetana, niftakru li Alla se jsalvaha u jerġa' jibniha mill-ġdid. Nerfgħu rasna u nitolbu għal dan it-tiġdid mixtieq.

**L-Erbgħa, 15 ta' Diċembru**

*Qari mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija "Jien hu l-Mulej, u m'hemm ħadd ħliefi! Mhux jien il-Mulej? U ma hemm ebda Alla ħliefi; Alla ġust u salvatur, ma hemm ħadd għajri. Duru lejja mill-ġdid, truf kollha tal-art, u intom tkunu salvi! għax jien hu Alla, u ma hemm ħadd ħliefi! Bija nnifsi ħlift, minn fommi ħarġet il-ġustizzja, u l-kelma ma terġax lura: għax quddiemi tiltewa kull irkoppa, bija jaħlef kull ilsien". Għalija għad jgħidu: "Fil-Mulej waħdu hemm il-ħaqq u l-qawwa!" Għandu għad jiġu, kollhom mistħija, dawk kollha li nkurlaw għalih. Fil-Mulej isib il-ġustizzja u jitfaħħar in-nisel kollu ta' Iżrael (Iż 45, 18.21b-25).*

Tieħu gost tisma' b'ideat ġodda li jagħmlu sens, l-aktar minn żgħażagħ li għandhom xewqa sabiħa li jagħmlu differenza fis-soċjetà. Il-ġdid jagħti nifs u enerġija ġdida, l-aktar meta jkun hemm staġnar u medjokrità. Imma kull idea, jekk issir l-assolut, flok ġid tista' tagħmel ħafna ħsara. Idea li ssir ideal tista' tasal għall-ideoloġija u faċli toħloq idoli. Meta nassolutizzaw idea nkunu qed nagħtuha l-post ta' Alla nnifsu. Hekk ġara diversi drabi fl-istorja tal-umanità: meta l-bniedem ħoloq ideoloġiji tilef il-bilanċ u mar jew f'estrem jew f'ieħor. L-ebda idea ma hi assoluta.

Fl-ewwel qari tal-llum nisimgħu lil Alla jfakkarna li hu biss Alla u ma hemm ħadd ħliefu. Alla mhux idea, mhux ideoloġija; anqas ma hu idolu imma Hu dak li hu: hu l-Mulej u s-sid ta' kollox. Hu Alla ġust u salvatur. Għalhekk Hu jibqa' għal dejjem, mhux bħall-ideat, l-ideoloġiji jew l-idoli oħra. Dawn jgħaddi żmienhom u jinbidlu ma' ideat, ideoloġiji u idoli ġodda; żmien Alla ma' jgħaddi qatt.

Hu dan Alla li kontinwament jistedinna biex nersqu lejh u nadurawh. Niftakru fl-għan tal-eżistenza tagħna: aħna maħluqa biex nagħrfu lil Alla, inħobbu lil Alla u naqdu lil Alla, u b'hekk wara din l-ħajja ngawduh għal dejjem. Ejjew inqumu u nerfgħu rasna lejn dan Alla, li tant hu qrib tagħna. Ejjew nadurawh.

**Il-Ħamis, 16 ta' Diċembru**

*Tibżax, int ma jkollokx mniex tistħi! Tħammarx aktar wiċċek, għax għajb ma jkollokx aktar. Int għad tinsa l-għajb ta' rmulitek, ma tiftakarx iżjed fil-mistħija tar-romol tiegħek. L-għarus tiegħek il-Ħallieq tiegħek, Jaħweh tal-eżerċti jismu; il-feddej tiegħek, il-Qaddis ta' Iżrael, Alla tal-art kollha jissejjaħ. Iva, bħal mara mitluqa u mdejqa f'qalbha sejjaħlek il-Mulej. Jista' wieħed jitlaq il-mara ta' żgħożitu? – jgħid il-Mulej Alla tiegħek. Għal ftit jien tlaqtek; imma bi mħabba bla qjies jien nerġa' niġbrok Fis-saħna tal-korla ħbejt wiċċi għal ftit minnek; bi mħabba ta' dejjem inħenn għalik, jgħid il-Mulej, il-Feddej tiegħek.*

*Jistgħu jitħarrku l-muntanji, jitheżżu l-għoljiet, imma mħabbti minn miegħek ma titħarrikx, u s-sliem tal-patt tiegħi ma jitheżiżx, jgħid il-Mulej li jħenn għalik (Iż 54, 4-8. 10).*

Aktar ma qed jgħaddi ż-żmien aktar qed tinħass ansjetà fost in-nies. Ħafna drabi l-ansjetà hi effett tal-insigurtà li nħossu madwarna. F'dinja instabbli, fejn kollox jinbidel il-ħin kollu, aktar hemm ċans li tikber l-insigurtà, u għalhekk l-ansjetà tiżdied. L-anzjetà mhijiex xi ħaġa ħażina, għax tista' tgħinna biex inkunu mħejjija u ppreparati għal kull eventwalità, imma kultant l-ansjetà tant tkun qawwija li tispiċċa tmexxina hi. Kemm nies huma anzjużi għax jibżgħu li mhux se jlaħħqu mal-ħin, tant għandhom x'jagħmlu! Kemm ħaddiema jħossuhom meħuda mill-ansjetà għax iħossu li ma għadhomx relevanti quddiem teknoloġija li tinbidel kuljum! Kemm ġenituri huma ansjużi quddiem ġenerazzjoni ġdida li bidlet għal kollox il-valuri tagħha! Kemm tfal mimlija ansjetà għax ma jafux ma' min se jagħmlu ħbieb! Din l-ansjetà tinħass ukoll fostna l-insara għax kultant inħossu li d-dinja ma għadhiex tagħrafna u qed tagħtina l-ġenb, anzi għal xi wħud qed issir xi ħaġa tal-mistħija li tissejjaħ nisrani.

Il-kelma tal-Mulej llum hi mill-ġdid kelma ta' kuraġġ; '*tħammarx wiċċek*', '*ma tiftakarx iżjed fil-mistħija tar-romol tiegħek*'. Hu l-Mulej stess li jagħti garanzija li mhux se jitlaq lil dak li jħobb, se jibqa' jżomm il-patt tiegħu - '*Jistgħu jitħarrku l-muntanji, jitheżżu l-għoljiet, imma mħabbti minn miegħek ma titħarrikx, u s-sliem tal-patt tiegħi ma jitheżżiżx*'. Hi din l-istabbilità mwiegħda minn Alla li tagħtina sigurtà u tirbaħ fina kull ansjetà li jista' jkollna. Illum ejjew inqumu, nerfgħu rasna u nġeddu l-patt tagħna mal-Mulej.

**Il-Ġimgħa, 17 ta' Diċembru**

*F'dak iż-żmien, Ġakobb sejjaħ lil uliedu u qalilhom: "Inġabru u isimgħu, ulied Ġakobb, agħtu widen lil Iżrael missierkom! Ġuda, int lilek ifaħħruk ħutek. Idek fuq ras l-għedewwa tiegħek; u quddiemek imilu wlied missierek. Int ferħ ta' ljun, O Ġuda, inti ibni mill-priża tiela'. Bħal iljun imkennen, mimdud bħal mart l-iljun. Min se jqajmek? Ix-xettru minn id Ġuda ma jitneħħiex; u l-ħatar minn bejn riġlejh, sakemm iġibulu l-ħaraġ, u minnu l-ġnus jisimgħu". (Ġen 49, 2.8-10)*

Minkejja li ma tantx għadu mfittex, xorta għadek issib minn jirreferi għal xi ħadd bil-laqam aktar milli bl-isem jew bil-kunjom. Il-laqam, ħafna drabi jirreferi għal razza sħiħa. Min jaf minn fejn ikun beda? Nistgħu ngħidu li Ġuda kien imlaqqam minn missieru Ġakobb bħala ljun. Jista' jkun minħabba l-karattru sod, is-saħħa u l-qawwa speċjali li kien juri minn fost ħutu, imma xorta ma kienx il-fessud ta' Ġakobb, għax Ġużeppi kien l-aktar maħbub minnu. Madanakollu, Ġakobb għaraf li Alla kellu pjan speċjali għalih. Ġuda kien ir-raba' wild ta' Ġakobb, li kellu mill-ewwel mara Lija (Ġen 29, 35), kiber ma' ħutu u kien jirgħa l-merħliet flimkien magħhom. X'kellu speċjali Ġuda aktar minn ħutu? Xejn partikulari imma Alla tefa' ħarstu fuqu. Alla wera l-pjan tiegħu lil Ġakobb, missieru, lejn it-tmiem ta' ħajtu. Quddiem din ir-rivelazzjoni Ġakobb qal: '*Ġuda, int lilek ifaħħruk ħutek. Idejk fuq ras l-għedewwa tiegħek; u quddiemek imilu wlied missierek. Int ferħ ta' ljun, O Ġuda, inti ibni mill-priża tiela*''. Il-pjan ta' Alla ntwera matul l-istorja: mit-tribù ta' Ġuda ħareġ David is-sultan ta' poplu, li mbagħad minnu ġie l-Messija Ġesù. Fil-ktieb tal-Apokalissi, Ġesù hu msejjaħ l-iljun tat-tribù ta' Ġuda (Apok 5, 5), għax fih dehret il-qawwa vera ta' Alla.

Inħarsu lejn l-istorja ta' Ġuda u naraw kif il-qawwa ta' Alla tidher fil-qawwa tal-magħżulin tiegħu. Illum nosservaw din il-qawwa ta' Alla, f'persuni li nafu. Kemm nies madwarna jirriflettu din l-qawwa ta' Alla għax qed jgħixu l-vokazzjoni li Alla sejħilhom għaliha. J'alla l-laqam tagħna jkun bħal-laqam ta' Ġesù, għax inkunu nappartjenu għar-razza tiegħu; j'alla nkunu nissejħu '*ljun ta' Ġuda*', għax fina tidher il-qawwa ta' Alla.

**Is-Sibt, 18 ta' Diċembru**

*"Araw, għad jasal żmien – oraklu tal-Mulej – meta nqajjem lil David rimja ġusta, li jsaltan ta' sultan, u jmexxi bil-għaqal u jagħmel is-sewwa u l-ħaqq fil-pajjiż. Fi żmienu Ġuda jkun salv, u Iżrael jgħammar fiż-żgur. U dan hu l-isem li jsejħulu: Il-Mulej is-Sewwa tagħna.*

*Għalhekk: Arawhom, ġejjin jiem – oraklu tal-Mulej – meta ma jgħidux iżjed: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, li tella' 'l ulied Iżrael mill-art tal-Eġittu!", imma: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, li tella' u ħareġ in-nisel ta' dar Iżrael mill-art tat-Tramuntana, u mill-artijiet kollha li fihom xerridhom!" Imbagħad jistgħu jgħammru f'arthom" (Ġer 23, 5-8).*

X'xena ta' qsim il-qalb meta tara eluf fuq eluf ta' nies iterrqu 'l bogħod minn djarhom biex forsi xi darba jissetiljaw x'imkien f'dar ġdida! Huma nies li jkollhom iħallu kollox warajhom u jaħarbu minn pajjiżhom minħabba perikli ta' ġwerra, ta' ġuħ jew sitwazzjonijiet oħra li jagħmluha impossibli li huma jibqgħu fi djarhom. Mhux l-ewwel darba li jipperikolaw ħajjithom, tant ikunu ddisprati u bla ebda tama f'pajjiżhom. Din ir-realtà saret problema mhux biss ta' dawn in-nies imma tad-dinja kollha.

Il-qari tal-lum iwiegħed żmien li fih kollox isib postu, iwiegħed mexxej ġust li jagħmel is-sewwa u l-ħaqq fil-pajjiż, u fi żmienu l-pajjiż ikun fiż-żgur. Imma liema pajjiż? Għax f'kull pajjiż jgħammar il-ħażen u l-inġustizzja; f'kull pajjiż hemm perikli u inċertezzi.

San Pawl, fl-ittra lill-Filippin jgħidilna liema hu dan il-pajjiż bil-kliem: *'Imma aħna pajjiżna fis-sema; minn hemm bil-ħerqa nistennewh jiġi, is-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu' (Fil 3, 20).* F'pajjiżna s-sema

sseħħ il-wegħda ta' Ġeremija, fejn il-Mulej isaltan fis-sliem. X'ħasra jekk nintrabtu ma' pajjiż fuq din id-dinja limitata u dgħajfa! X'ħasra jekk norbtu qalbna ma' dar tal-ġebel li minn żmien għal żmien trid iddurha u tirranġaha! X'ħasra jekk naħsbu li dan iż-żmien li fih se tidher is-salvazzjoni se jdum ma jasal u ngħixu daqslikieku aħna għal dejjem fuq din l-art! Illum ejjew inqumu u nerfgħu rasna, waqt li bi ħsiebna niftakru fis-sema pajjiżna.

## *Ir-Raba' Ġimgħa – il-fidwa tagħkom hi fil-qrib*

Matul dan l-Avvent ftakarna fiż-żmien tal-wegħda, li hu ż-żmien li fih jidher Bin il-bniedem. hu li ġej fuq is-sħab tas-sema b'qawwa u glorja kbira. Quddiem din l-wegħda nieħdu saħħitna, inqumu u nerfgħu rasna. Quddiem din il-wegħda xejn ma jitlaqna u jmewwitna, xejn ma jagħmilna medjokri u indifferenti, xejn ma jaqtagħlna qalbna u jwaqqfna milli nkomplu ngħixu. Imma dan meta se jiġri? Matul l-aħħar ġimgħa tal-Avvent se nirriflettu fuq dan. Ma nafux il-jum u ż-żmien meta jiġri dan kollu imma nafu li hu fil-qrib.

**Il-Ħadd, 19 ta' Diċembru**
*Dan jgħid il-Mulej: "Int, Betlehem ta' Efrata, ċkejkna fost il-familji ta' Ġuda, minnek għad joħroġli dak li jkun prinċep f'Iżrael; hu għandu l-bidu tiegħu mill-qedem, sa minn dejjem ta' dejjem. Għalhekk il-Mulej jitlaqhom sa meta teħles dik li hi fl-uġigħ tal-ħlas; imbagħad il-bqija ta' ħutu jerġgħu lura fost ulied Iżrael. U hu joqgħod jirgħa l-merħla tiegħu bil-qawwa tal-Mulej, bil-glorja ta' isem il-Mulej, Alla tiegħu. U huma jgħammru fiż-żgur, għax issa tkun kbira setgħetu, sa trufijiet l-art. U dan ikun is-sliem!" (Mikea 5, 1-4a).*

Kemm inħossuna kburin bin-nies li jkunu għamlu isem lil raħal twelidna! Tista' tgħid kull belt u raħal ifittxu li jfakkru nies ta' ċerta importanza, għax huma jkunu taw ċerta identità lin-nies kollha li jgħixu f'dik l-lokalità. Però jeżistu bliet u rħula żgħar li ftit ikunu magħrufa: donnu ħadd ma jkun jaf bihom u ħadd ma jsemmihom, qisu qatt ma kellhom lil ħadd minn fosthom li għamel isem.

U Betlehem kienet waħda minn dawn il-bliet. Kienet belt ċkejkna f'Ġuda u ftit kienu jafu li teżisti. Madankollu Alla ried li ssir waħda mill-ibliet l-aktar importanti għax minnha kellu jitwieled is-salvatur. Il-kelma Betlehem tfisser *Dar il-ħobż*, u tassew Ġesù hu l-ħobż tal-ħajja (Ġw 6, 35). Ġesù sar ikel u tema' lill-poplu kollu; *kien jirgħa l-merħla tiegħu bil-qawwa tal-Mulej, bil-glorja ta' isem il-Mulej*. Għalhekk Betlehem saret id-dar li minnha ħareġ dak li jmantni lill-bniedem bl-ikel spiritwali.

Betlehem kienet wkoll tissejjaħ Efrata, li tfisser: '*siewja*' jew '*abbundanti*'. Imma fir-realtà Betlehem qatt ma wriet is-siwi u l-abbundanza tagħha sa ma' deher Ġesù. Ġesù ta identità lil din il-belt u lin-nies kollha tagħha. Feda lil dan il-poplu ċkejken u tah isem. Hekk jagħmel Ġesù wkoll mal-poplu l-ġdid tiegħu, il-knisja. Hu jagħti identità lil kull min jitgħammed u jsir parti mill-Knisja. Il-preżenza ta' Alla llum tidher fil-Knisja nfisha; għalhekk insejħulha u ngħidulha Knisja waħda, qaddisa u appostolika. Ġesù ried li l-Knisja u l-membri tagħha jipparteċipaw fil-ħidma ta' salvazzjoni tal-bniedem u għalhekk tassew il-fidwa qed tkompli titwettaq illum permezz tal-Knisja ta' Ġesù. Illum ejjew nitolbu għall-Knisja biex tibqa' taqdi l-missjoni tagħha fid-dinja b'fedeltà.

**It-Tnejn, 20 ta' Diċembru**

*F'dak iż-żmien, il-Mulej issokta jkellem lil Aħaż u jgħidlu: "Itlob sinjal għalik mingħand il-Mulej, Alla tiegħek, f'qiegħ l-art jew fl-għoli tas-smewwiet". U Aħaż wieġeb: "Ma nitlobx: ma rridx nittanta lill-Mulej". U l-profeta wieġeb: "Isimgħu, mela, dar David: mhux biżżejjed għalikom li tkiddu lill-bnedmin, biex issa se tkiddu lil Alla tiegħi? Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess: Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el" (Iż 7, 10-14).*

Is-saltna ta' Ġuda kienet mhedda minn żewġ saltniet ġirien tagħha: is-saltan ta' Iżrael (imsejħa wkoll Efrajm) u s-saltna ta' Aram-Damasku (is-Sirja). Iżda Alla ta struzzjonijiet lill-profeta Iżaija biex jgħid lis-sultan Aħaż li Alla kien se jeqred l-għedewwa ta' Ġuda. Iżaija ried li Aħaż jemmen dik il-profezija u għalhekk qallu biex jitlob sinjal mingħand Alla biex ikun ċert minn dik il-profezija. F'dan il-kuntest, sinjal hu ġrajja speċjali li tikkonferma kelmet il-profeta. Is-sinjal li ngħata lil Aħaż kien it-twelid ta' iben minn xebba, li hi kellha ssemmieh Għimmanuel (jiġfieri Alla magħna). Kien sinjal kbir, għax kif setgħet xebba jkollha iben weħidha jekk ma jkunx hemm tassew l-intervent ta' Alla? Tassew Alla wera li se jeqred l-għadu l-kbir (lix-xitan) fit-twelid ta' iben minn xebba, Ġesù. Forsi mhux l-ewwel darba li aħna wkoll xtaqna li nkunu ċerti minna nfusna u li Alla tassew jagħti kasna. Forsi ġieli wkoll tlabna lil Alla jagħtina sinjal ta' konfermazzjoni li Hu tassew qrib tagħna. Hafna drabi dan jiġri meta nħossuna weħidna fit-tiġrib tal-ħajja, jew imbeżżgħa quddiem xi deċiżjoni serja li jkollna nieħdu. F'dawn il-mumenti nkunu tassew nixtiequ li l-Mulej ikellimna u jurina biċ-ċar x'irid. Hafna drabi l-Mulej ma jibqax lura milli jagħtina sinjali żgħar u kbar, imma biex inkunu kapaċi nagħrfu dawn is-sinjal hemm bżonn li jkollna fidi f'Alla. Il-fidi tagħmilna attenti għal kull sinjal li l-Mulej ikellimna bih. Il-fidi tgħinna nkunu aktar konxji tal-preżenza ta' Alla – Għimmanuel. Tassew Alla hu qrib għax Alla hu magħna. Illum ejjew nieqfu nosservaw is-sinjali tal-preżenza ta' Alla: fin-natura, fin-nies ta' madwarna, quddiem Ġesù Ewkaristija, jew fis-skiet tal-kamra tagħna.

**It-Tlieta, 21 ta' Diċembru**

*Leħen il-maħbub tiegħi: arah, hu ġej, jaqbeż fuq il-muntanji, jitqâbeż fuq l-għoljiet.*

*Il-maħbub tiegħi qisu xi għażżiela, jew ferħ iċ-ċriev. Hemm huwa, wieqaf, wara l-ħajt tagħna, iħares minn ġot-tieqa, u jgħarrex wara l-gradi tal-ħadid. Qabad jitkellem hu, il-maħbub tiegħi, u qiegħed jgħidli: "Maħbuba tiegħi, qum, ejja, sabiħa tiegħi! Għax, ara, għaddiet ix-xitwa, spiċċat ix-xita, marret. Fuq l-art ġa deher il-ward, iż-żmien tal-għana wasal, fuq artna nstama' leħen il-gamiem. Diġà beda mit-tin ħiereġ il-frott, in-nwar tad-dwieli jxerred riħa ħelwa. Maħbuba tiegħi, qum, ejja, ġmiel tiegħi! Ħamiema tiegħi ġewwa x-xquq tal-blat, moħbija ġo xi rdum, urini wiċċek, semmagħli leħnek, għax leħnek ħlejju, u sbejjaħ wiċċek" (Għanja 2, 8-14).*

Quddiemna għandna silta li tesprimi l-emozzjonjiiet tal-maħbubin l-aktar fil-bidu tar-relazzjoni tagħhom. L-għarus jiġi u jieqaf taħt it-tieqa tal-maħbuba tiegħu u jkellimha minn qalbu.  Forsi llum ngħidu li ma jiqafx ifittex fil-profile tal-maħbuba tiegħu, jara l-posts li tippostja, jibgħatilha messaġġi u juriha x'iħoss għaliha permezz tal-midja soċjali. Il-maħbubin jużaw kull mezz possibbli biex juru mħabbithom u biex jesprimu dak li jħossu għal xulxin. Imma l-imħabba vera mhijiex biss l-imħabba sentimentali, iżda dik l-imħabba tal-għotja. Ħafna drabi, aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar l-imħabba sentimentali tonqos, imma ma jfissirx li l-imħabba ma tkunx qed tikber u timmatura. Sabiħa l-imħabba tal-għarajjes, imma daqshekk ieħor hi sabiħa l-imħabba tal-anzjani li jibqgħu jieħdu ħsieb xulxin minkejja ż-żmien twil li jkun ilhom flimkien.

Alla l-imbierek jurina wkoll imħabbtu b'kull mezz possibbli. Ġieli jkun sentimentali b'tali mod li tħoss il-preżenza tiegħu b'mod tant qawwi li tħossu tant viċin tiegħek, jersaq lejk u jgħidlek '*qum, ejja, ġmiel tiegħi*! U ġieli jurik imħabbtu fil-fedeltà tiegħu. Tassew hu jibqa' fidil anke meta nonqsuh u noffenduh.  Jibqa' jieħu paċenzja bina u fid-dgħufija tagħna ma jitlaqniex.

Ejjew illum naraw il-fidwa fil-qrib tagħna billi nħarsu lejn dawk il-mumenti meta ħassejna l-imħabba tal-Mulej, l-aktar fil-maħfra u l-ħniena li wera magħna.

**L-Erbgħa, 22 ta' Diċembru**

*F'dak iż-żmien, Anna tellgħet 'il binha Samwel magħha fid-dar tal-Mulej f'Silo. Ħadet magħha gendus ta' tliet snin, efa dqiq u żaqq inbid, u marret bit-tfajjel magħha. Hemm qatlu l-gendus, u ressqu*

*t-tifel quddiem Għeli, u qaltlu: "Nitolbok, sidi; daqskemm int ħaj, sidi, jien dik il-mara li kienet wieqfa hawn ħdejk titlob lill-Mulej. Għal dan it-tifel kont tlabt, u l-Mulej laqa' t-talba tiegħi, u tani li tlabtu. U issa jien se nagħtih lill-Mulej il-jiem kollha ta' ħajtu, u kemm idum ħaj ikun tal-Mulej". U qiemu lill-Mulej hemmhekk (1 Sam 1, 24-28).*

Mhux l-ewwel darba jkun hawn min jesprimi kemm iħossu jinġabar meta jidħol f'xi knisja jew kappella partikulari. Tassew li tista' tinġabar u titlob kullimkien, imma ma nistgħux ničħdu l-fatt li l-ambjent li nkunu fih waqt it-talb għandu importanza kbira. Għalhekk, iva, għandu jkollna spazji li jkunu riservati biss għat-talb; spazji qaddisa li jgħinuna niltaqgħu ma' Alla. Il-bniedem ħass dan il-bżonn sa miż-żminijiet pre-istoriċi, kif jixdhu t-tempji li għandna fi gżiritna.  It-tempji pagani, f'diversi reliġjonijiet, ukoll juru dan il-bżonn tal-bniedem li jinqata' mill-ambjent li fih jgħix biex ikun jista' jidħol f'kuntatt mas-sagru. Għall-poplu Lhudi, it-tempju ta' Ġerusalemm kien l-aktar post għażiż, għax kien il-post waħdieni fejn setgħu joffru s-sagrifiċċji tagħhom lil Alla. Fit-tempju kienu wkoll jitilgħu jitolbu kif għamlet Anna. Hi talbet b'qalb maqsuma biex Alla jagħtiha iben. It-talba tagħha kienet talba magħmula mill-qalb, tant li kienet lesta toffrih lil Alla mill-ġdid imma mhux b'sagrifiċċju tal-ħruq, kif kien isir fit-tempji pagani, imma radditu lil Alla biex ikun fis-servizz tiegħu. Din kienet tassew offerta safja li għoġbot lil Alla, tant li Alla ħatru bħala profeta, il-profeta Samwel.

Bħala nsara, ma għandniex inkunu marbuta mat-tempju tal-ġebel imma bla dubju tista' tkun ta' għajnuna għalina jekk nersqu u nidħlu f'postijiet qaddisa u fihom nisktu u nagħtu ċans lil Alla jkellimna. Għall-grazzja ta' Alla f'pajjiżna għandna ħafna knejjes u kappelli, imma noqogħdu attenti li ma jiħdux l-importanza fihom infushom. Huma biss postijiet sagri li jfakkruna fil-preżenza ta' Alla li tinsab fostna.  Jekk illum tkun għaddej minn quddiem knisja jew kappella, ieqaf ftit u erfa' ħsiebek f'Alla l-Imbierek.

**Il-Ħamis, 23 ta' Diċembru**

*Dan jgħid il-Mulej Alla: "Araw, jiena se nibgħat il-messaġġier tiegħi biex iħejji t-triq quddiemi, u minnufih jidħol fit-tempju tiegħu s-Sid li intom qegħdin tfittxu; u l-anġlu tal-patt, li intom tixtiequ, arawh, ġej, jgħid il-Mulej tal-eżerċti.*

*Imma min se jissaporti l-Jum tal-miġja tiegħu? U min hu li se jieqaf meta jidher? Għax hu bħan-nar ta' wieħed li jsaffi u bħas-sapun tal-ħassiela. U joqgħod isaffi u jnaddaf il-fidda, u jnaddaf 'l ulied Levi, u jsaffihom bħad-deheb u l-fidda, u huma jsiru għall-Mulej nies li jagħmlu l-offerta bis-sewwa. U tibda togħġbu lill-Mulej l-offerta ta' Ġuda u ta' Ġerusalemm bħal dari, bħal fis-snin l-imgħoddija. Ara, jiena nibagħtilkom 'l Elija l-profeta qabel ma jasal Jum il-Mulej u Jum il-biża'. U jdawwar qalb il-missirijiet lejn uliedhom u qalb l-ulied lejn missirijiethom, li ma niġix naħbat għall-art u nħalliha tinqered" (Mal 3, 1-4.23-24).*

Tgħid jiġi xi darba l-Papa? Kellna kollox lest imma l-pandemija ħassret kollox. Ftit ġimgħat ilu konna qed nittamaw li issa wasal biex jiġi f'pajjiżna, imma xorta għadu ma wasalx. Issa qed jissemma' l-bidu tas-sena d-dieħla; min jaf! Żjara bħal din titlob ħafna tħejjija, u tħejjija serja titlob impenn kbir. Parti mill-preparazzjoni tikkonsisti f'li jiġi delegat tal-Vatikan qabel biex jara l-postijiet fejn il-papa jkun se jzur. Id-delegat jindika dak kollu li jkun hemm bżonn li jsir qabel iż-żjara, biex kollox ikun f'postu u mħejji. Id-delegat jitkellem f'isem il-Papa, għax jaf sew x'ikun irid miż-żjara tiegħu. Ikun jaf l-għanijiet li l-Papa jrid jilħaq, x'jogħġbu u xi jdejqu, fejn irid iżur, u l-bqija.

Il-Mulej ukoll jgħid permezz tal-profeta Malakija li kien se jibgħat messaġġier qablu biex iħejji t-triq. Il-messaġġier jitkellem f'isem il-Mulej għax ikun jaf sew lill-Mulej. Mill-evanġelju nafu li Ġwanni l-Battista kien dan il-messaġġier li ġie qabel il-Messija biex iħejjilu t-triq. Ġwanni qal lin-nies biex iħejju qlubhom billi jindmu minn dnubiethom u jitolbu maħfra. Talabhom konverżjoni tal-qalb u wriehom l-bżonn li jimxu bil-ġustizzja u s-sewwa. Kellhom bżonn jibdlu l-prijoritajiet tagħhom biex jagħmlu spazju għal Alla.

It-tħejjija għat-tieni miġja ta' Kristu mhijiex inqas, anzi titlob impenn ferm akbar mill-ewwel miġja tiegħu. Kif qed inħejju ruħna? Niftakru li anke llum il-Mulej jibgħat id-delegati tiegħu, il-messaġġiera tiegħu, biex iħejju qlubna għalih. Illum ejjew nagħtu każ il-vuċi ta' dawk li Alla jsejjaħ biex ikellmuna f'ismu. Nagħtu kas it-tagħlim tal-Knisja, il-kelma tal-predikaturi, imma wkoll il-kelma ta' dik l-persuna li tgħidli kelma għall-ġid u tressqni lejn Alla.

**Il-Ġimgħa, 24 ta' Diċembru**

*Il-Profeta Natan qal lil David: 'Lilek imbagħad il-Mulej jagħtik kelma li jibnilek dar. U meta inti ttemm żmienek, u tkun striħajt ma' missirijietek, jiena nqajjem nislek warajk, nisel ħiereġ mill-ġewwieni tiegħek, u nsaħħaħ is-saltna tiegħu. Jiena nkun għalih missier, u hu jkun għalija iben. Il-familja tiegħek u s-saltna tiegħek jibqgħu sħaħ għal dejjem quddiemi. It-tron tiegħek jibqa' sħiħ għal dejjem" (2 Sam 7, 14a.16).*

Min jipproponi lil min għaż-żwieġ, ir-raġel jew il-mara? Meta u fejn l-aħjar tipproponi? Din il-ħaġa dejjem kienet teżisti, imma donnu llum qed issir aktar solenni minn qatt qabel. Li ssib il-ħin opportun u l-post ideali hi ferm importanti, għax hu mument li tibqa' tiftakru, imma donnu saret ħafna aktar organizzata u ppreparata. Hawn min jistenna xi holiday, jew xi ħarġa memborabbli; hawn min jitla' fuq xi post għoli imma ssib ukoll min jippreferi xi rokna li ħadd ma jaf biha, għall-kwiet. Insomma tkun kif tkun, meta raġel jew mara jipproponu lil xulxin, ikunu qed jidħlu f'impenn ta' ħajja; ikunu qed jgħidu lil xulxin li lesti li jagħtu kollox, sa ħajjithom stess lil xulxin. Għalkemm tkun għadha wegħda, u ma jkun għad hemm ebda rbit, xorta titlob impenn miż-żewġ naħat.

Alla wkoll ippropona lil David li jibnilu dar, li jagħtih familja li ma tintemm qatt. Alla għamel wegħda lil David, ta' saltna li tibqa' għal dejjem, għax minn nislu kien se joħroġ mexxej li jkun tassew iben Alla.  Fl-Iskrittura Mqaddsa nsibu diveri siltiet li jirrakkuntaw il-wegħda ta' Alla; Alla wiegħed u għadu jwiegħed, u fl-istess wegħda nistgħu nagħrfu l-kobor tal-imħabba ta' Alla. Ġesù hu l-wegħda ta' Alla mwettqa. Ġesù stess wiegħed li se jibqa' mad-dixxipli tiegħu sal-aħħar taż-żmien. Tassew hu għadu magħna, qrib tagħna. Illum ejjew naraw il-preżenza ta' Alla fl-istess wegħda li hu għamel lill-poplu tiegħu.  Nagħarfu li hu fil-qrib għax hu fidil għall-wegħda tiegħu.

**Is-Sibt, 25 ta' Diċembru**

*Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir; in-nies li joqogħdu f'art id-dlam dawl idda fuqhom. Int kattart il-ġens, kabbart l-hena; huma ferħu quddiemek, bħalma jifirħu fi żmien il-ħsad, bħalma jifirħu fi qsim il-priża. Għax il-madmad li kien itaqqlu, u l-ħatar ta' fuq*

*spallejh, u l-bastun tal-argużin, int kissirthom bħal f'jum Midjan. Għax kull qorq li jħabbat fit-taqtigħa, kull mantell mgħargħar fid-demm jispiċċa għall-ħruq, biex jieklu n-nar. Għax tweldilna tifel, ingħatalna iben; is-setgħa tkun fuq spallejh, u jsemmuh: Kunsillier tal-għaġeb, Alla setgħan, Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem. Kbira tkun seteghtu, u s-sliem bla qies fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu. Hu jwettaqha u jsaħħaħha bil-ħaqq u s-sewwa, minn issa u għal dejjem. Il-ħeġġa tal-Mulej tal-eżerċti tagħmel dan (Iż 9:1-6).*

Kollox jgħaddi u jasal fi tmiemu: sew l-esperjenzi sbieħ kif ukoll dawk iebsin jgħaddu. Li jibqa' hu xi nkunu sirna b'dak li nkunu għaddejna minnu. Kull esperjenza tista' tkabbarna u timmaturana għax tista' twassalna biex inkunu dak li tassew Alla jixtieqna nkunu. Għaddejna żmien l-Avvent u qed niċċelebraw il-festa tal-Milied: jum ta' tama għax tassew id-dawl rebaħ fuq id-dlam. Imma tajjeb li llum naraw kif għexna dan iż-żmien ta' preparazzjoni u kif wasalna għal dan il-jum. Tajjeb li llum inżuru ftit il-mumenti tat-talb li għamilna matul dan l-Avvent, u naraw kif il-Mulej ippreparana għal dan il-jum.

Niftakru li bl-istess mod għad jgħaddi żmien il-pandemija, u ż-żminijiet tal-kriżijiet kollha għad jintemmu. Imma tajjeb li nirrealizzaw li anke dawn qed iħallu impatt fuqna. Nistgħu ngħidu li qed jimmaturawna u li qed inkunu aktar kapaċi nafdaw f'Alla l-Imbierek? Fid-dawl ta' dan tajjeb li niftakru wkoll li żmien din id-dinja għad jintemm, u li l-wegħda tal-ħajja li ma tintemmx għad titwettaq.

Ejjew għalhekk nużaw kull jum ta' ħajjitna biex inħejju ruħna għal dan il-jum. Inħallu l-festa tal-lum – il-Milied - tkompli tippreparana biex tassew niltaqgħu mal-Mulej, Alla l-ħaj.

Il-jum tal-Milied iġib ferħ għal ħafna, imma wkoll iġib dieqa u swied il-qalb għal oħrajn. Madanakollu dan il-jum għandu jibqa' jimla b'tama lil kulħadd anke lil min hu mtaqqal u muġugħ. Ejjew nagħmlu kuraġġ u ma nħallu lil xejn imewwitna u jaqtagħlna qalbna. Inħallu biss il-ħeġġa tal-Mulej tal-eżerċti timliena bil-ħeġġa. Inqumu u nerfgħu rasna għax il-fidwa tagħna hi fil-qrib.



# Programm għal żmien il-Milied

## BIDU TAN-NOVENA TAL-MILIED

**L-Erbgħa, il-15 ta' Diċembru:**

**6:30p.m.** Quddiesa fil-Bażilika bis-sehem tat-tfal li qiegħdin mill-1 sat-3 sena Kateketika. Wara l-Quddiesa ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika quddiem Ġesù espost li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

**Il-Ħamis, is-16 ta' Diċembru:**

**6:30p.m.** Quddiesa fil-Bażilika bis-sehem tat-tfal li qiegħdin mir-4 sas-6 sena kateketika. Wara l-Quddiesa ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika quddiem Ġesù espost li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

**Il-Ġimgħa, is-17 ta' Diċembru:**

**6:30p.m.** Quddiesa fil-Bażilika bis-sehem ta' dawk li huma parti mis-sistema tal-Viżitaturi tal-Bażilika. Wara l-Quddiesa ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika quddiem Ġesù espost li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

## IR-RABA ĦADD TAL-AVVENT

**Il-Ħadd, id-19 ta' Diċembru:**

**11:00a.m.** Quddiesa fil-Bażilika bis-sehem tat-tfal kollha tal-Parroċċa. Waqt il-quddiesa jsir it-tberik tal-bambini. Matul il-Quddiesa, tieħu sehem il-banda tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija.

**5:00p.m**. Ċelebrazzjoni tal-Magħmudija, fil-Bażilika.

**5:30p.m.** Quddiesa fil-Bażilika, bis-sehem tal-familji li għamdu t-tarbija tagħhom.

**L-Erbgħa, it-22 ta' Diċembru:**

Qrar, fil-Bażilika tal-Mosta bejn id-9.00a.m. u l-11.30a.m. u mill-4.30p.m. sas-6:00p.m.

**6:30p.m.** Quddiesa fil-Bażilika, u wara ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika quddiem Ġesù espost li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

**8.00p.m.** Kunċert tal-Milied mill-Banda tas-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, fil-Bażilika. Id-dħul għal dan il-kunċert ser ikun bil-biljetti li jistgħu jinkisbu mill-Każin tas-Soċjetà.

**Il-Ħamis, it-23 ta' Diċembru**

Ikompli l-qrar, fil-Bażilika tal-Mosta bejn id-9.00a.m. u l-11.30a.m. u mill-4.30p.m. sas-6.00pm.

**6:30p.m.** Quddiesa fil-Bażilika bis-sehem tal-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-membri tal-Għaqdiet Reliġjużi tal-Parroċċa. Wara l-Quddiesa ssir Ċelebrazzjoni Ewkaristika quddiem Ġesù espost li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

## LEJLET IL-MILIED

**Il-Ġimgħa, l-24 ta' Diċembru:**

Qrar fil-Bażilika, bejn id-9.00a.m. u 12.00p.m.

**5.00p.m.** Quddiesa tal-Vġili tal-Milied, fil-Bażilika.

**6.30p.m.** Quddiesa tal-Vġili tal-Milied, fil-Bażilika li fiha tingħad t-talba tal-Għasar.

## IL-LEJL TAL-MILIED

**8.00p.m.** Quddiesa solenni tal-lejl tal-Milied, fil-Bażilika, bis-sehem tal-membri tal-oqsma tal-MUSEUM tal-Mosta.

**11.00p.m.** Velja tal-lejl tal-Milied, li fiha issir il-prietka tradizzjonali tat-tifel minn Giuseppe Chetcuti.

**12.00a.m.** Konċelebrazzjoni solenni mill-Arċipriet Dun Sebastjan Caruana flimkien mal-kleru tal-Parroċċa.

Il-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied, fil-Parroċċa se ssir ukoll fil-Kappella Marija Omm il-Knisja f'Ta' Mlit fl-10.00pm. u fil-Knisja tas-Sagra Familja l-Bidnija fid-9.30pm.

Kull min se jattendi għal waħda minn dawn l-erbgħa quddisiet li ser isiru fil-Bażilika hu mitlub li jkollu biljett tad-dħul biex ikun jista jidħol. Dan qed isir biex niżguraw li ma jinqabiżx in-numru ta' persuni li jistgħu jidħlu fl-istess ħin. Il-Biljetti se jitqassmu matul il-weekends tal-avvent mill-Bażilika jew mill-uffiċċju parrokkjali.

## JUM IL-MILIED

**Is-Sibt, il-25 ta' Diċembru:**

Ħin tal-Quddies fil-Bażilika :
6a.m., 7a.m., 8a.m., 9.30a.m. , 11a.m., 5.30p.m. u 7.00p.m.

Wara l-quddiesa tat-8a.m. il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin iqarbnu lill-morda fi djarhom.

**11.00a.m.** Quddiesa animata għat-tfal li fiha ssir il-prietka tradizzjonali tat-tifel minn Giuseppe Vella.
**5.30p.m.** Konċelebrazzjoni tal-Milied.

## Il-Ħadd, is-26 ta' Diċembru:

**11.00a.m.** Quddiesa, fil-Bażilika, bis-sehem tal-Kummissjoni Familja, għall-familji Mostin. Mistiedna b'mod speċjali l-koppji li żżewġu fl-2021.
**7.00p.m.** Quddiesa animata għaż-Żgħażagħ u Adoloxxenti fil-Bażilika.

## L-Erbgħa, id-29 ta' Diċembru :

**9.30a.m.** Laqgħa għall-anzjani rġiel u nisa tal-Parroċċa u persuni b'diżabilità, fis-Sala tal-Oratorju Qalb ta' Ġesu. Nibdew b'quddiesa li fiha ssir il-prietka tat-tifel u wara jsir festin flimkien. Kull min jixtieq trasport għandu jċempel fl-Uffiċċju Parrokjali sal-24 ta' Diċembru.

# KWARANTURI

40 siegħa ta' adorazzjoni quddiem
Ġesù Sagramentat espost fil-Bażilika tal-Mosta

**It-Tlieta, it-28 ta' Diċembru**

**8.30a.m.** Quddiesa u wara tibda l-adorazzjoni mmexxija mill-membri tal-għaqdiet li jmexxu t-talb kull siegħa.
**6.30p.m.** Quddiesa li fiha tingħad it-talba tal-Għasar.

**L-Erbgħa, id-29 ta' Diċembru:**

**8.30a.m.** Quddiesa u wara tibda l-adorazzjoni mmexxija mill-membri tal-għaqdiet li jmexxu t-talb kull siegħa.
**6.30p.m.** Quddiesa li fiha tingħad it-talba tal-Għasar.

**Il-Ħamis, it-30 ta' Diċembru:**

**8.30a.m.** Quddiesa u wara tibda l-adorazzjoni mmexxija mill-membri tal-għaqdiet li jmexxu t-talb kull siegħa.

**6.30p.m.** Quddiesa li fiha tingħad it-talba tal-Għasar.

**Il-Ġimgħa, il-31 ta' Diċembru:**

**8.30a.m.** Quddiesa u wara tibda l-adorazzjoni mmexxija mill-membri tal-għaqdiet li jmexxu t-talb kull siegħa.

**5.00p.m.** Quddiesa fil-Bażilika.

**6.30p.m.** Quddiesa kkonċelebrata mill-Arċipriet Dun Sebastjan Caruana b'radd ta' ħajr lil Alla għall-grazzji kollha li rċevejna matul is-sena 2021. Fil-Quddiesa tingħad t-talba tal-Għasar.
Waqt l-offertorju jinġabru offerti għall-karita'. Wara t-tqarbin, issir purċissjoni b'Ġesù Ewkaristija madwar il-knisja, jitkanta t-*Te Deum* u tingħata l-Barka Sagramentali.

## FESTA TA' MARIJA OMM ALLA

**Is-Sibt, l-1 ta' Jannar 2022**

Hin tal-Quddies fil-Bażilika:
6a.m., 7a.m., 8a.m., 9.30a.m.,11a.m., 5.30p.m. u 7.00p.m.
Wara l-quddiesa tat-8a.m. il-Ministri Straordinarji tat-Tqarbin iqarbnu lill-morda fi djarhom.

**5.30p.m.** Quddiesa kkonċelebrata. Wara l-quddiesa jitkanta l-*Veni Creator* u tingħata l-Barka Sagramentali.

**Wirja ta' Presepji fil-maħżen tal-Grupp Armar Marija Assunta, fi Triq il-Knisja, Mosta.**

**Mit-Tnejn 13 ta' Diċembru 2021 sa l-Ħadd 2 ta' Jannar 2022**

**Mill-5:00p.m. sat-8:00p.m.**



***L-Arċipriet u l-Kleru flimkien mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali jawguraw Milied hieni u sena ġdida ta' paċi lill-membri kollha tal-komunità parrokkjali tal-Mosta***

**DICEMBRU**
**5**
**@ 12:30**

**Il-Fundraising Group
tal-Parroċċa tal-Mosta
flimkien mal-Grupp Armar
Marija Assunta, tal-Mosta**

se jorganizzaw

# Christmas

## All Inclusive Buffett Lunch

**Fil-Mirasol Restaurant,
Riviera Hotel, Ċirkewwa**

Adulti €30 u Tfal €17

Buffett Lunch li jinkludi:
Għażla ta' Antipasti, Soppa, Għaġin,
Pizza Corner, Carvery, Għażla ta' Main
Course, Asian Corner, Sweet Table,
Inbid, Birra, Luminata u Ilma.
Servizz ta' Trasport bla ħlas

Booking 21434036 jew 27418368




**KANT . IKEL . STALLS B'RIGALI U ĦAFNA AKTAR**

| Presepju Ħaj fuq iz-Zuntier tal-Bażilika | DIĊEMBRU **18 U 19** | Programm ta' Divertiment, ikel, stalls u ħafna aktar fl-Oratorju Qalb ta' Ġesu |
|---|---|---|

Programm b'aktar dettalji se jitqassam fid-djar kollha u minn fuq il-paġna ta' facebook mostaparish